# 63. Il-Qtugħ tal-Fergħa

It-tfal mas-siġra ddendlu sabiex jaqtgħu
fergħa sabiħa; is-siġra żammet iebes;
ma' kull tiġbida tagħhom waħda lura
                    ġibdet bis-saħħa.

It-tfal issikkaw jiġbdu, u s-siġra msejkna
sabiex ma tinfiredx minn bintha l-fergħa
saħansitra ippruvat sabiex tinqata'
                    kollha kemm hi;

Iżda ma għamlet xejn u kellha ċċedi:
il-fergħa nqasmet, qalb is-siġra nstemgħet
tfaqqa' minn mil 'il bogħod; il-fergħa nfirdet
                    'mma nofs il-ġilda

Taz-zokk instelħet magħha, u baqgħet ġerħa
kbira fis-siġra, ġerħa bajda bajda
li biż-żmien swiedet ftit, 'mma baqgħet tidher
                    u qatt ma fieqet.